MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 580/2004

**Robert Vella**

**Vs**

**Amanda Sammut**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elf disa’ mija u ghaxar liri Maltin (Lm1,910) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti self brevi manu li sar mill-attur lill-konvenuta bil-ghan illi l-istess konvenuta tixtri vettura.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 3 ta’ Awissu 2004, bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni

Wara li rat id-dokument esebit in atti a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fl-10 ta' Jannar 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1910.00,0 bl-imghax legali mis-27 ta' Ottubru 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Awissu 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------